# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2019.**

**Numru 7**

**Citazzjoni numru 1388/00 SM**

**Cini (Tal-Mija) Limited**

**v.**

**David Galea**

**PRELIMINARI:**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut David Galea mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Frar 2014, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talbiet attriċi.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-

ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"1.0. Rat ic-citazzjoni promotrici u d-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` attrici datata s-6 ta' Lulju, 2000, li permezz taghha l-istess socjeta` attrici sintetikament esponiet is-segwenti:

"1.1. Illi l-konvenut fuq riferit kien impjegat mas-socjeta` Carmelo Cini Poultry Products Limited bhala *salesman* bl-inkarigu li jiddistribwixxi u jbiegh prodotti tal-friza tas-socjeta` attrici fuq ukoll riferita;

"1.2. Illi l-konvenut approprja ruhu indebitament mill-flus rikavati minnu minn konsenji ta' tigieg tal-friza fdata lilu mis-socjeta` attrici biex ibieghha, li t-total involut iwassal ghal elfejn, disa' mija u sitta u disghin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm2,996.60), inkluz l-imghaxijiet sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni promotrici;

"1.3. Illi nonostante li interpellat diversi drabi, il-konvenut baqa' inadempjenti;

"1.4. Illi stante li l-ammont dovut hu cert, likwidu u dovut, is-socjeta` attrici adriet din il-Qorti biex il-konvenut ikollu l-opportunita` iwiegeb ghas-segwenti talbiet tas-socjeta` attrici billi l-Qorti:

"1.4.1. Tiddeciedi l-kawza odjerna bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-artikoli 167 – 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

"1.4.2. Tiddikjara li s-somma ta' elfejn, disa' mija u sitta u disghin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm2,996.60), hi dovuta mill-konvenut lis-socjeta` attrici, inkluzi l-imghaxijiet dovuti sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni promotrici;

"1.4.3. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma indikata fil-paragrafu precedenti;

"1.4.4. Bl-imghaxijiet ulterjuri dovuti mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni promotrici sad-data tal-effettiv pagament;

"1.4.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess citazzjoni promotrici;

“2.0. Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament preseduta datat l-24 ta’ Ottubru, 2000, li permezz tieghu awtorizzat lill-konvenut biex iressaq l-eccezzjonijiet tieghu fit-termini hemm indikat, (ara fol 11);

“3.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata s-6 ta’ Novembru, 2000, li permezz taghha l-konvenut sintetikament eccepixxa s-segwenti;

“3.1. Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

“3.2. Illi l-ispejjez tal-procedura ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta` attrici;

“3.3. Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta l-konvenut telaq l-impjieg tieghu minn mas-socjeta` *Poultry Products Limited*;

“3.4. Illi l-konvenut qatt ma kellu kariga ta’ *salesman* izda kien biss *labourer*, u ghalhekk ghandu jigi liberat mil-osservanza tal-gudizzju;

“3.5. Illi fil-kors tal-impjieg tal-konvenut kien jinzamm kontroll strett tal-operat tal-konvenut u kien jaghti rendikont ta’ xoghlu li kien sussegwentement jigi approvat;

“3.6. Illi s-socjeta` attrici u Carmelo Cini *Poultry Products Limited* dejjem kellhom dejn ma terzi;

“3.7. Illi l-kawza odjerna hi biss sforz li taghmel haruf tas-sagrificcju mill-konvenut ghall-problemi tas-socjetajiet imsemmija fil-paragrafu precedenti;

“3.8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

“4. Rat il-verbal datat it-12 ta’ Jannar, 2001, li permezz tieghu jirrizulta li l-kawza *de quo* kienet riassenjata, (ara fol 18);

“5. Rat il-verbal datat is-27 ta’ Frar, 2001, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tal-konvenut irrizerva li jindika l-artikolu li fuqu qed jibbaza l-eccezzjoni rigwardanti l-preskrizzjoni fit-terminu hemm lilu koncess, (ara fol 19);

“6. Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament preseduta datat it-2 ta’ Lulju, 2001, li permezz tieghu issottolineat li l-konvenut naqas li jindika l-artikolu li fuqu ibbaza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u konsegwentement ordnat lill-kontendenti jghaddu ghall-provi. (ara fol 22);

“7. Rat id-digriet taghha datat it-22 ta’ Mejju, 2013, li permezz tieghu fuq talba appozita tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 182);

“8. Ezaminat ix-xhieda mismugha minnha kif preseduta, kif preseduta precedentement u dik ipprezentata permezz ta’ affidavidijiet;

“9. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

“10. Ezaminat in-noti esebiti mill-kontendenti rispettivament datati l-5 t’Awissu u t-22 t’Ottubru, 2013, (ara fol 183 u 187);

“11. Tirrileva li fl-udjenza rizervata ghat-trattazzjoni tal-vertenza deher biss l-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` attrici li rrimetta ruhu ghan-nota ipprezentata, (ara fol 190);

“**Ikkunsidrat;**

“12.0. Illi minn analizi tal-evidenza sottomessa in atti jirrizulta sintetikament is-segwenti;

“12.1. Illi l-konvenut Galea kien impjegat tas-socjeta` attrici u ta’ Carmelo Cini *Poultry Products Limited* u kien “responsabbli mid-distribuzzjoni tal-prodotti, bejgh, u gbir tal-flus, li min-naha tieghu kien responsabbli li jghaddi l-flus lill-kumpanija”, (ara fol 26);

“12.2. Illi effettivament, meta l-konvenut kien ibiegh il-prodott tas-socjeta` attrici f’Malta, kien tenut li jibghat l-ammonti tal-flus minnu hekk rikavati lis-socjeta` attrici go Ghawdex fejn hi sitwata;

“12.3. Illi l-prodott tas-socjeta` attrici involut kien ikun mahzun ghand *Derek Cold Stores* fejn il-konvenut Galea kien awtorizzat jiehdu ghad-distribuzzjoni lill-klijenti tas-socjeta` attrici u jithallas f’isimha ghall-istess, (ara fol 26);

“12.4. Illi l-bejgh effettwat mill-konvenut u l-prodott mehud minn *Derek Cold Stores* kien ikun suffragat mid-debita ricevuti, liema ricevuti jippermettu lis-socjeta` attrici tkun taf bl-ammont ta’ prodott li jkun hekk inhareg u mibjugh, (ara fol 27);

“12.5. Illi l-klijenti tas-socjeta` attrici li kienu jircievu l-prodotti taghha minghand il-konvenut Galea jirrizulta li kollha hallsu lill-istess konvenut tal-prodott minnhom ricevut, (ara fol 27);

"12.6. Illi pero` jirrizulta assodat li l-ammonti hekk ricevuti mill-konvenut Galea ghall-prodott minnu mibjugh f'isem is-socjeta` attrici qatt ma gie mghoddi lill-istess socjeta` attrici, stante li fl-analizi tal-konteggi relattivi gew riskontrati d-diskrepanzi meritu tal-procedura odjerna (ara fol 28 u l-fatturi a fol 30 *et sequitur*);

"12.7. Illi d-diskrepanzi li rrizultaw lis-socjeta` attrici kienu ikkoroborati mill-analizi tal-prodott rilaxxat minn *Derek Cold Stores* ( ara fol 48);

"12.8. Illi nonostante li l-konvenut Galea jsostni fid-deposizzjoni tieghu li fil-bejgh li kien jeffetwa tal-prodotti tas-socjeta` attrici hu ma kienx responsabbli ghall-flus migbura mill-istess bejgh (ara fol 71), dan mhux biss mhux suffragat mir-rizultanzi, izda hu kontradett mix-xhieda ta' Joseph Cini, Teddy Sacco, Alex Cassar u mir-rapprezentant ta' *Derek Cold Stores,* (ara rispettivament fol 27, 54, 64 u 58);

"12.9. Illi rigward l-allegazzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, ghandu sintetikament jinghad li jirrizulta li d-diskrepanzi riskontrati fil-konteggi kienu gew debitament migjuba a konjizzjoni tal-konvenut;

"12.10.Illi l-insinwazzjoni tal-konvenut li minhabba l-fatt li kien hemm xi hruq fis-socjeta` attrici fejn inharqu l-kotba taghha, biex b'hekk l-allegazzjonijiet tal-istess socjeta` attrici ma jistghux jigu allura ipprovati, mhix sufficjenti biex tezonera lill-konvenut stante li r-rizultanzi fuq indikati jinkjodaw lill-konvenut Galea mar-responsabbiltajiet tieghu b'mod oggettiv;

"**Ikkunsidrat;**

"13.0. Illi ghaldaqstant din il-Qorti hi sodisfatta li s-socjeta` attrici ipprovat il-kaz taghha skond il-ligi u konsegwentement filwaqt li tirrispingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, takkolji t-talbiet tas-socjeta` attrici, u konsegwentement;

"13.1. Tiddikjara li l-konvenut David Galea ghandu jaghti s-somma ta' elfejn disa' mija u sitta u disghin Liri Maltin u sittin centezmu, (Lm2,996.60) ekwivalenti ghall-sitt elef disa' mija u tmenin Ewro u ghoxrin centezmu (€6,980.20) lis-socjeta` attrici Cini (tal-Mija) Limited, inkluzi l-imghaxijiet dovuti fuq l-imsemmi ammont sas-6 ta' Lulju, 2000;

"13.2. Tikkundanna lill-imsemmi konvenut biex ihallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` attrici fuq riferita;

"13.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess citazzjoni promotrici u bl-imghaxijiet ulterjuri dovuti mis-6 ta' Lulju, 2000, sad-data tal-pagament effettiv."

**RIKORS TAL-APPELL tal-konvenut David Galea (28.02.2014):**

3. Il-konvenut David Galea ħassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha. Huwa jsostni li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi miġjuba quddiemha u li analizzat il-fatti b'mod superfiċjali. Jilmenta li għamlet konklużjonijiet "*skontati*" li ma jirriżultaw minn imkien u li naqset "*b'mod lampanti*" milli timmotiva r-*"riżultanzi"* tagħha. Il-punti li jressaq jistgħu jiġu sintetizzati kif ġej:

(a) Jistaqsi minn fejn jirriżultaw is-segwenti konkużjonijiet li waslet għalihom l-ewwel Qorti:

- *"klijenti tas-soċjeta` attriċi li kienu jirċievu l-prodotti tagħha mingħand il-konvenut Galea jirriżulta li kollha ħallsu lill-istess konvenut tal-prodott minnhom riċevut";*

- *"jirriżulta assodat li l-ammonti hekk riċevuti mill-konvenut Galea għall-prodott minnu mibjugħ f'isem is-soċjeta` attriċi qatt ma ġie mgħoddi lill-istess soċjeta`…"*

(b) Jikkummenta li l-ewwel Qorti ma tatx widen *"imqar superfiċjali*" għal diversi aspetti importanti tal-kwistjoni li kellhom iwassluha biex tagħraf in-nuqqas ta' ġenwinita` tal-allegazzjonijiet attriċi, *inter alia*:

- il-fatt li bħala prova s-soċjeta` attriċi ressqet lilna nfisha u kreditur wieħed biss tagħha;

- il-fatt li s-soċjeta` attriċi ipproċediet bil-kawża odjerna xejn inqas minn ħames snin wara t-terminazzjoni tal-impieg tiegħu;

- il-fatt li ma tressqet l-ebda prova dwar l-allegazzjoni li l-kotba tas-soċjeta` attriċi inħarqu[1];

- il-fatt li ma tressqet l-ebda prova dwar xi rapport ta' serq fil-konfront tiegħu.

(c) Jilmenta illi d-dokumenti prodotti mis-soċjeta` attriċi mhux biss m'humiex oriġinali jew awtentikati, iżda addirittura hemm uħud minnhom li jirreferu għal perjodu fejn huwa lanqas biss kien għadu beda jaħdem magħha.

(d) Jargumenta li x-xiehda ta' Cini tnissel dubji serji dwar il-veraċita` tal-allegazzjonijiet attriċi: isostni li bl-affidavit tiegħu, Cini jikkontradixxi dak mitlub fiċ-ċitazzjoni.

(e) Jaċċenna għax-xiehda tar-rappreżentant tal-*Cold Stores* fejn qal li huwa (l-konvenut) qatt ma kellu aċċess liberu għall-i*stores*, u jargumenta li kieku huwa minnu li huwa seraq xi ħaġa, is-soċjeta` attriċi kienet ser taqbdu fil-fatt u kien ikollha provi aħjar minn sempliċi diskrepanza fin-numri.

**RISPOSTA TAL-APPELL tas-soċjeta` attriċi Cini (Tal-Mija) Ltd (28.03.2014):**

4. Is-soċjeta` konvenuta wieġbet biex tgħid li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma. Issostni li l-verżjoni tagħha ma ġiet bl-ebda mod kontradetta, anzi ġiet debitament korroborata minn terzi, filwaqt li l-verżjoni tal-konvenut (senjatament li ma kienx ikollu x'jaqsam ma' flus)

[1] Fil-fatt l-allegazzjoni tas-soċjeta` attriċi hija li l-kotba insterqu mhux inħarqu

ġiet invece kontradetta mix-xiehda ta' Joseph Cini, Teddy Sacco, Alex Cassar u r-rappreżentant ta' Derek Cold Stores.

**PROVI:**

5. Peress li dan l-appell huwa ppernjat fuq l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti, din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi li nġabru f'din il-kawża.

6. **Joseph Cini**, *managing director* tas-soċjeta` attriċi, fl-affidavit tiegħu[2] spjega illi s-soċjeta` attriċi timmanifattura u tbiegħ prodotti tat-tiġieġ u *frozen foods*, u li n-negozju prinċipali tagħha jinsab f'Għawdex. Qal li fir-rigward tas-suq tagħha f'Malta hija timpjega ħaddiem wieħed li jiddistribwixxi l-prodotti tagħha f'diversi ħwienet tal-merċa, supermarkets, ristoranti u lukandi, u li għal diversi snin kienet tħaddem propju lill-konvenut biex jagħmel tali xogħol. Xehed hekk:

> *"Dan kien responsabbli mid-distribuzzjoni tal-prodotti, bejgħ u ġbir tal-flus, li min-naħa tiegħu kien responsabbli li jgħaddi l-flus lill-kumpanija."*
> *…*
>
> *F'idejh a dispożizzjoni tiegħu kellu wkoll vann biex ikun jista' jdur u jiddistribwixxi l-prodotti. Mill-inqas darbtejn fil-ġimgħa kont nibgħatlu wkoll ħaddiem minn Għawdex, ċertu Teddy Sacco, bit-trakk mimli bil-prodotti u kienu jqassmuhom flimkien lid-diversi klijenti.*
>
> *Kont inżomm ukoll maħżuna provvisti sħaħ ta' prodotti fil-freezer ta' Derek Cold Stores Ltd, li dak iż-żmien kienu joperaw minn Canon*

[2] Affidavit ta' Joe Cini, fol 26 et seq

*Road, Qormi, minn fejn il-konvenut kien awtorizzat li jmur u jieħu l-prodotti tal-kumpanija tiegħi minn hemm biex ikun jista' jbiegħ l-istess prodotti.*

*Kull prodott tal-kumpanija li l-konvenut kien joħroġ mingħand id-Derek Cold Stores, huwa kien iħalli debita riċevuta ħalli jiena nkun naf xi prodotti ikunu ħarġu u x'fadal ħalli nżomm kontroll ta' x'kien joħroġ, xi jkun biegħ, u tal-flus li l-konvenut kellu jgħaddi lill-kumpanija. Is-sistema kienet taħdem billi meta l-konvenut kien jieħu l-prodotti tal-kumpanija mill-friżi tad-Derek Cold Stores biex biegħhom, huwa kien iħalli debita riċevuta lil tad-Derek tal-prodotti li jkun ħa u jgħaddi kopja tagħha lili flimkien mal-invoices tal-bejgħ li jkun għamel tal-prodotti li jkun ħa u biegħ…."*

7. Kompla jgħid li s-soċjeta` attriċi kellha diversi debituri f'Malta u li l-konvenut kien responsabbli mill-ġbir tal-flus li kienu dovuti mingħandhom. Jelenka numru ta' debituri u d-debitu relattiv tagħhom mas-soċjeta` attriċi u esebixxa l-invoices relattivi: **Dok JC1 sa JC11.** Din il-Qorti qed telenka d-debituri, id-debitu u l-*invoices* relattivi fis-segwenti tabella:

| **Debitur** | **Debitu (Lm)** | **Invoices datati 06.08.1996** |
|---|---|---|
| Auxilio Axisa, Virgo Butcher | 90.16 | Dok JC1 fol 30 |
| A&A Zarb Ltd | 12.86,5 | Dok JC2 fol 31 |
| Tony Buttigieg, Tony's Butcher Zone | 39.00 | Dok JC3 fol 32 |
| Alex Cassar, Rex Butcher | 52.08 | Dok JC4 fol 33 |
| Tony Formosa | 51.54 | Dok JC5 fol 34 |
| Salvu Garzia | 46.97 | Dok JC6 fol 35 |
| Tonio Galea, Butcher Shop | 190.92 | Dok JC7 fol 36 |
| Charles Pace | 393.06 | Dok JC8 fol 37 |
| Checkers Inn Hotel | 822.93 | Dok JC9 fol 38-39 |
| Silvio Laferla | 2103.83 | Dok JC10 fol 40-43 |
| George Vella | 549.73 | Dok JC11 fol 44-47 |
| **(TOTAL)** | **(4353.085)** | **-** |

8. Ix-xhud sostna li mingħand l-imsemmija debituri l-konvenut ġabar **Lm1732.17** u naqas li jgħaddihom lis-soċjeta` attriċi.

9. Huwa ilmenta wkoll li kien irriżultalu li l-konvenut kien anke qed jieħu prodotti tas-soċjeta` attriċi mill-friżi ta' *Derek Cold Stores* fejn kienu jkunu maħżuna. Jirreferi għal żewġ invoices partikolari[3] li jammontaw għal **Lm1264.43**

- nru 8334 datata 21.07.1995 fl-ammont ta' Lm921.76 u
- nru 2337 datata 08.11.1995 fl-ammont ta' Lm342.67.

u jgħid li dawn inħarġu mill-konvenut fuq isem *Derek Cold Stores* stess, u li meta ivverifika ma' *Derek Cold Stores* dwarhom dawn ċaħdu li kienu qatt ħadu l-prodotti relattivi u sostnew li kienu fil-fatt ittieħdu mill-konvenut. Huwa f'dan ir-rigward esebixxa **Dok JC12**[4] li hija korrispondenza bil-*letterhead* ta' *Derek Cold Stores* datata 7 ta' April 1997. Din l-ittra, li hija indirizzata lil Joe Cini (*Cini Tal-Mija Ltd*) u miktuba minn Emanuel Schembri *inter alia* taqra hekk:

> *"The problem is in the creditors where there is a difference of Lm1896.699. As you know this discrepancy is due to the invoices charged to us by David Galea (as per your statement) in respect of chickens which were never received by us. In fact we do not have any records of such invoices and obviousy these invoices are not signed by the personnel of the company.*
>
> *Furthermore we gave you a full history copy of our records in respect of your chickens' stocks which where kept in our cold stores, for your clarification.*

[3] Dawn l-invoices ma ġewx ippreżentati fl-atti.
[4] Dok JC12 fol 48

> *In view of the above, we kindly ask you to check your records and settle your problem with David Galea and get our accounts in agreement."*

10. Ix-xhud kompla jgħid li l-imsemmija invoices qatt ma ġew iffirmati minn *Derek Cold Stores* u irriżultalu li l-prodotti tal-friża relattivi kien ħadhom il-konvenut u żamm il-flus għalih. Qal li:

> *"Fi ftit kliem il-konvenut kien qed jikkommetti serq ta' prodotti u misapproprjazzjoni ta' flus tal-kumpanija li b'kollox jammontaw għall-ammont imsemmi fiċ-ċitazzjoni".*

11. Qal li meta ma setax jasal bil-kelma t-tajba mal-konvenut, itterminalu l-impieg. Abbażi ta' dak spjegat minnu, isostni li s-somma dovuta lis-soċjeta` attriċi mill-konvenut hija dik ta' **Lm2996.60** kif mitluba fiċ-ċitazzjoni (Lm1732 + Lm1264.43).

12. Kontro-eżaminat fit-30 ta' Jannar 2008[5] u mistoqsi għaliex is-soċjeta` damet ħames snin biex tintavola l-kawża minn meta l-konvenut ma baqax jaħdem magħha, huwa wieġeb:

> "*Jien ma niftakarx, li niftakar hu illi jien x'ħin David sejjaħtlu darba, tnejn, tlieta, biex niltaqgħu u nirranġaw l-affarijiet, kif ma ġiex jien ħadt azzjoni mill-ewwel."*

13. Mistoqsi jekk il-kawża effettivament għamilhiex wara li l-konvenut telaq mill-impieg, qal li ma jiftakarx. Mistoqsi għaliex ippreżenta *statements* biss u l-ebda *invoice* qal li ma jiftakarx.

[5] Kontro-eżami ta' Joe Cini tat-30 ta' Jannar 2008, fol 104 et seq

14. Qal li s-soċjeta` attriċi kellha stokk ta' prodotti għand *Derek Cold Stores* u dan l-istokk "*sparixxa*". Enfasizza li l-konvenut biss kellu s-setgħa li joħroġ ix-xogħol minn hemm.

15. F'kontro eżami ulterjuri tal-11 ta' Jannar 2012[6], mistoqsi għaliex dam ħames snin minn meta l-konvenut ma baqax jaħdem mas-soċjeta` attriċi biex intavola l-proċeduri, wieġeb li "*ma niftakarx ir-raġuni*". Qal li hu żgur hu li ma kienx qabel mal-istokk li sab għand id-*Derek Cold Stores.* Mistoqsi dwar l-i*statement* ta' George Vella, **Dok JC11** a fol 44 (li esebixxa mal-affidavit tiegħu) qal li dan "*m'għandux x'jaqsam mal-kwistjoni ta' storage li hija l-kwistjoni pendenti fl-atti tal-proċedura odjerna".* Mistoqsi dwar l-ittra **Dok JC12** a fol 48 (li ukoll esebixxa mal-affidavit tiegħu) qal li *"m'għandhiex x'taqsam mal-kwistjoni pendenti*".

16. F'kontro-eżami ieħor ulterjuri tas-26 ta April 2012[7] u mistoqsi jekk għandux riċevuti tal-*invoices* u *cash sales*, wieġeb li:

> *"xi 8 jew 9 snin ilu jiena kelli serqa li kont irrapurtajtha l-għassa u ħafna mill-affarijiet ġew mitlufin. Kelli nagħmel data ġdida fil-computer u għandi ħafna affarijiet mitlufin. Pero` l-karti rilevanti fil-kawża ta' llum mingħalija esebejthom."*

[6] Kontro-eżami ta' Joe Cini tal-11 ta' Jannar 2012, fol 144 et seq
[7] Kontro-eżami ta' Joe Cini tas-26 ta' April 2012, fol 162

17. F'kontro-eżami ieħor li saru fil-11 ta' Ottubru 2012[8] qal li *cash sales* u *receipt books* m'għandux. Qal li kellu kollox fil-kompjuter iżda xi żmien ilu kienu serqulu kollox. Qal li "*Wieħed jista' anke jiċċekkja mal-għassa tal-Pulizija tar-Rabat Għawdex*". Mistoqsi jekk ippreżentax kopja tar-rapport wieġeb fin-negattiv.

18. **Teddy Sacco**, fix-xhieda tiegħu tal-15 ta' Ottubru 2002[9] spjega li huwa kien jaħdem għal sitt snin bħala xufier mas-soċjeta` attriċi. Qal li spiċċa f'tali impieg fl-1995. Huwa għaraf lill-konvenut li kien preżenti fl-awla u xehed li kien jaħdem bħala *salesman* mal-istess soċjeta` attriċi. Spjega li huwa u l-konvenut kienu jagħmlu xogħol flimkien f'Malta: hu jsuq it-trakk u l-konvenut ibiegħ il-prodotti.

> *"Konna ninżlu Malta, konna nbiegħu il-prodott, l-iktar li konna nbiegħu kienu tiġieġ, konna niġbru l-flus, u bil-flus li nkunu ġbarna matul il-ġurnata, David Galea kien jixtri oġġetti tal-ikel għas-soċjeta` attriċi. Dawn kienu oġġetti bħal butir u perżut. Kien jieħu ħsiebhom David Galea.*
>
> *Nikkonferma li aħna konna ninżlu minn Għawdex biex inbiegħu tiġieġ u konna ntellgħu magħna oġġetti varji li konna nixtru wkoll mingħand varji wholesalers. Konna nniżżlu t-tiġieġ magħna: dawk li ma nbiegħux konna nħalluhom f'cold store hawn Malta…."*

Enfasizza li huwa kull ma kien jagħmel kien li jsuq il-vann u l-affarijiet l-oħra kollha kien jieħu ħsiebhom il-konvenut, inkuż li joħroġ *invoices* u *cash sales.*

[8] Kontro-eżami ta' Joe Cini tal-11 ta' Ottubru 2012, fol 166 et seq
[9] Xiehda ta' Teddie Sacco tal-15 ta' Ottubru 2002, fol 54 et seq

19. **Emanuel Schembri**, fix-xiehda tiegħu tal-20 ta' Jannar 2003[10] xehed li huwa direttur tas-soċjeta` *Deleco Stores* li qabel kienet *Derek Cold Stores*. Qal li kienu għamlu negozju mas-soċjeta` attriċi fis-sens li kienu jżommulhom tiġieġ fil-friża tagħhom: qal li ġieli xtraw mingħand is-soċjeta` attriċi huma, u ġieli xtrat mingħandhom is-soċjeta` attriċi. Huwa spjega l-proċedura hekk:

> *"… meta aħna konna nżommu t-tiġieġ tas-soċjeta` attriċi, kienu jinżlu bil-vann minn Għawdex, ix-xufier tal-vann flimkien mal-konvenut David Galea li qed nagħraf preżenti f'dina l-awla, u kienu jiddepożitaw it-tiġieġ fl-istores tagħna. Id-dewmien tat-tiġieġ fil-cold storage kien jiddependi mis-suq. Konna niddokumentaw kemm ikunu daħlu, u dana bil-piż, u l-istess nies li kienu jġibu t-tiġieġ minn Għawdex kienu wkoll awtorizzati li joħduhom mill-cold stores."*

20. Muri l-ittra **Dok JC12** huwa għaraf il-firma tiegħu fuqha, pero` qal li ma jiftakarx id-dettalji.

21. Fix-xiehda tiegħu tad-19 ta' Frar 2013[11] spjega li r-relazzjoni li kellha Derek Cold Stores mas-soċjeta` attriċi kienet taħdem fuq sistema ta' *goods in/goods out*. Qal li kemm meta jidħol u kemm meta joħroġ ix-xogħol dan kien jiġi rreġistrat u rappreżentanti taż-żewġ naħat kienu jiffirmaw. Qal li illum il-ġurnata ma fadlilhomx *records.*

> "*Meta għalaqna l-kumpanija tajna r-records lill-awdituri biex jiffinalizzaw l-għeluq tal-istess. Wisq probabbli dawn id-dokumentazzjonijiet huma*

[10] Xiehda ta' Emanuel Schembri tal-20 ta' Jannar 2003, fol 57 et seq
[11] Xiehda ta' Emanuel Schembri tad-19 ta' Frar 2013, fol 179 et seq

*distrutti".*

22. Mistoqsi jekk xi ħadd mis-soċjeta` attriċi qattx ġibdilhom l-attenzjoni fuq xi nuqqasijiet fir-reġistrazzjoni tal-prodotti, wieġeb fin-negattiv, imbagħad qal li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk jafx li kien hemm xi lment min-naħa tas-soċjeta` attriċi fil-konfront tal-konvenut qal li ma jistax jgħid, pero` qal li jassumi li ġieli kien hemm xi diskrepanzi fejn kienu jerġgħu jagħmlu l-verifiki. Spjega li din tkun okkorrenza normali.

23. **<u>Alex Cassar</u>**, fix-xiehda tiegħu tas-27 ta' Mejju 2003[12] qal li huwa jiġġestixxi ħanut tal-laħam ġewwa tas-Sliema bl-isem ta' Rex Butcher. Xehed li kien jixtri l-laħam mingħand is-soċjeta` attriċi tramite l-konvenut David Galea u sostna li dejjem ħallas.

> "*Nikkonferma li jien dejjem ħallast lil David Galea…..Huwa kien jiġi bit-trakk u skont ma jkollu fit-trakk dak li kien jgħodd għalija kont nixtrih.*
>
> *Jiena m'għandi ntihom xejn lis-soċjeta` attriċi.*
>
> *Ngħid ukoll li jiena qatt ma rċevejt statements mingħand is-soċjeta` attriċi.*
>
> *Qed niġi muri d-dokument li jinsab a fol 33 tal-process*[13] *u nikkonferma li jiena kont nirċievi statement(s) bħal dan pero` żmien ilu. Dan id-dokument huwa datat 6 ta' Awwissu 1996.*
>
> *Nikkonferma li jiena kont inħallsu minnufih lil min kien ibiegħli x-xogħol għan-nom tas-soċjeta` attriċi. Jiena ma kontx irreaġixxejt għall-istatement li kont irċevejt peress li jista' jkun li jgħaddi ż-żmien sakemm jiġi reġistrat il-pagament ġewwa Għawdex. Għal dan il-għan ġieli kienu jgħaddu anke 15-il ġurnata."*

---

[12] Xiehda ta' Alex Cassar tas-27 ta' Mejju 2003, fol 64 et seq

[13] Dok JC4, fuq imsemmi, li huwa invoice fuq isem Alex Cassar ta' Rex Butcher

24. **Il-konvenut David Galea** fix-xiehda tiegħu tal-14 ta' Ottubru 2004[14] qal li kien impjegat mas-soċjeta` attriċi mis-sajf tal-1988 sa Lulju tal-1995. Xehed li għalkemm kien impjegat bħala *labourer* kien jagħmel xogħol ta' *salesman*. Spjega li meta kien jinżel it-trakk minn Għawdex misjuq minn Teddie Sacco, huwa kien jirkeb fit-trakk miegħu u kienu jduru l-ħwienet biex ibiegħu tiġieġ tal-friża. Qal li l-flus li kien jiġbor kien jonfoqhom biex jixtri affarijiet li kien ikollhom bżonn Għawdex - bħal ġwież, perżut u laħam – u qal li dan ix-xiri kien ikun skont l-ordnijiet li kienu jsiru mid-direttur tas-soċjeta` attriċi. Ippreċiża li kien iċempillu minn Għawdex, isaqsih kemm ikun ġabar flus u kien jgħidlu x'kellu jixtri b'dak il-flus. Qal li meta kien jixtri l-affarijiet dawn kien joħodhom miegħu Teddie Sacco u hu kien jibqa' Malta fejn joqgħod.

> *"Jiena kont nagħmel rendikont ta' kull ġimgħa, cioe` kont nagħti rendikont tal-flus li nkun daħħalt, kif ukoll tal-flus li nkun infaqt. Jiena kont nibgħat ma' dan ir-rendikont kemm il-cash sales, kif ukoll l-invoices li nkun ħriġt. Dawn id-dokumenti kont nibgħathom ta' kull ġimgħa ma' Teddie Sacco."*

25. Kompla jgħid li qatt ma kellu problemi dwar xi nuqqas ta' flus jew nuqqasijiet oħra. Enfasizza li mhux minnu li kien tkeċċa mix-xogħol, anzi sostna li kien hu li nforma lis-soċjeta` attriċi li ma setax ikompli. Spjega li ftit qabel Lulju 1995 Teddie Sacco kien marad u għalhekk kien imur hu stess għat-trakk iċ-Ċirkewwa u jagħmel ix-xogħol waħdu. Qal li kien xogħol ta' strapazz (spjega li t-trakk kien wieħed kbir ta' tmien tunellati)

[14] Xiehda tal-konvenut tal-14 ta' Ottubru 2004, fol 71 et seq

u ma setax ikompli jagħmlu waħdu u sostna li kien proprju għalhekk li kien infurmahom li ma kienx ser ikompli jaħdem.

26. Dwar l-*invoices* u r-riċevuti xehed hekk:

> "*Is-sales invoices konna noħorġuhom bil-miktub, il-kotba ma kinux carbonized u għalhekk kellna nużaw kull darba carbon paper; meta konna nagħmlu cash sale lil min kien qed jagħmel il-ħlas konna nagħtuh l-oriġinali, filwaqt meta konna nagħmlu invoice konna ntuħ kopja.*"

27. Qal li Teddie Sacco kien jgħaddi d-dokumenti lill-accountant, Frank Pavia. Qal li ma kienx ikun hemm problemi u hu u l-accountant kienu jitkellmu biss meta xi klijent ma jkunx ħallas jew ikun falla.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:</u>**

28. Is-soċjeta` attriċi intavolat din il-kawża odjerna għaliex issostni li l-konvenut approprja ruħu indebitament mill-flus miġbura minnu minn konsenji ta' tiġieġ tal-friża fdati lilu għall-bejgħ, u dan fl-ammont totali ta' **<u>Lm2,996.60.</u>**

29. Kif fuq spjegat, Joe Cini, id-direttur tas-soċjeta` attriċi fl-affidavit tiegħu ippreċiża li:

(i) <u>Lm1732.17</u> minnhom jirrappreżentaw flus li l-konvenut

ġabar mingħand id-debituri u li żamm għandu; u

(ii) r-rimanenti Lm1264.43 jirrappreżentaw il-valur ta' prodotti tal-friża li allegatament "seraq" mingħand *Derek Cold Stores* (u li biegħ u li żamm il-flus tagħhom)[15].

30. Din il-Qorti hija imhassba bil-fatt li l-ewwel Qorti ddikjarat li kien irriżultalha li l-klijenti tas-soċjeta` attriċi kollha kienu ħallsu lill-konvenut tal-prodott minnhom riċevut u li l-konvenut da parti tiegħu qatt m'għadda tali ammonti lis-soċjeta` attriċi. Dawn iż-żewġ asserzjonijiet (li għalkemm mhux speċifikat mill-ewwel Qorti, jirrigwardaw l-ammont ta' Lm1732.17) assolutament ma jirriżultawx mill-provi.

31. In oltre l-ewwel Qorti lanqas biss għamlet l-iċken aċċenn fir-rigward tal-prodotti allegatament "misruqa" mill-konvenut mill-istores tal-friża, li allegatament kellhom valur ta' Lm1264.43.

32. Il-konvenut appellant għandu raġun jilmenta li l-ewwel Qorti analizzat il-provi *"b'mod superfiċjali ferm".* Is-soċjeta` attriċi bl-ebda mod ma ppruvat il-pretenzjoni tagħha li l-konvenut għandu jagħtiha l-ammont ta' Lm2996.60 (Lm1732.17 + Lm1264.43).

[15] Fil-fehma ta' din il-Qorti din ukoll taqa' taħt il-premessa li l-konvenut approprja ruħu indebitament mill-flus rikavati minnu minn konsenji ta' tiġieġ tal-friża fdata lilu mis-soċjeta` attriċi għall-bejgħ.

33. Fir-rigward tal-ammont ta' Lm1732.17, la jirriżulta li dan l-ammont inġabar mingħad id-debituri u wisq lanqas li l-konvenut żammu għandu. Joe Cini sempliċiment esebixxa ħdax-il *statement* **(Dok JC1 sa JC11,** datati kollha 06.08.1996) relattivi għal ħdax-il debitur tas-soċjeta` attriċi, li din il-Qorti elenkat fit-tabella *supra*. Il-bilanċi indikati fuq tali *statements* jammontaw għal Lm4353.085. Għalkemm Joe Cini jgħid li l-konvenut kien ġabar Lm1732.17 ma tressqet l-ebda prova fir-rigward. Hemm biss ix-xiehda ta' debitur wieħed, Alex Cassar, (li skond l-i*statement* **Dok JC11** huwa debitur tas-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' Lm549.73) fejn jgħid li huwa dejjem ħallas lill-konvenut, iżda ma ġiet ippreżentata l-ebda riċevuta fir-rigward.

34. Fir-rigward imbagħad tal-ammont ta' Lm1264.43, li allegatament jirrappreżenta valur ta' prodotti li l-konvenut "seraq" mill-istores ta' friża, Joe Cini xehed li fir-rigward tagħhom il-konvenut kien ħareġ żewġ *invoices* fuq isem *Derek Cold Stores* (bin-numri 8334 u 2337 datati 21.07.1995 u 08.11.1995 rispettivament). Apparti l-fatt li dawn l-i*nvoices* qatt ma ġew esebiti, skont ix-xiehda tal-konvenut huwa lanqas biss kien għadu impjegat tas-soċjeta` attriċi wara Lulju 1995[16], u għalhekk jiġi li t-tieni invoice tirreferi għal żmien meta l-konvenut ma kienx għadu impjegat mas-soċjeta` attriċi.

[16] Il-konvenut fil-fatt xehed li telaq mix-xogħol wara li Teddie Sacco (ix-xufier li kien jaħdem miegħu) marad fl-1995 u allura spiċċa bla xufier, ma riedx jagħmel ix-xogħol mingħajr l-għajnuna tiegħu. (Fil-fatt Teddie Sacco jikkorrobora l-verżjoni tal-konvenut għaliex xehed li huwa – Sacco - kien telaq fl-1995).

35. In oltre, għalkemm Joe Cini ippreżenta **Dok JC12** biex jissostanza l-verżjoni tiegħu li kien għamel verifiki ma' *Derek Cold Stores* fir-rigward tad-diskrepanza ta' Lm1264.43, jiġi osservat li apparti li tali dokument ma jagħmel l-ebda riferenza għall-imsemmi ammont ta' Lm1264.43, l-istess Joe Cini, kontro-eżaminat, qal li **Dok JC12** m'għandhiex x' taqsam mal-kwistjoni odjerna. Emanuel Schembri, ir-rappreżentant ta' *Derek Cold Stores,* ma ftakar xejn fir-rigward.

36. Hemm imbagħad il-fatt li s-soċjeta` attriċi intavolat il-proċeduri odjerni xejn inqas minn ħames snin minn meta l-konvenut ma baqax impjegat magħha. Joe Cini ta xiehda konfliġġenti anke f'dan ir-rigward. Fl-affidavit xehed li huwa ttermina l-impieg tal-konvenut meta ma setax jasal miegħu dwar il-pretenzjoni attriċi (cioe` fl-1995), imbagħad kontro-eżaminat u mistoqsi għaliex dam ħames snin biex ħa azzjoni, xehed li huwa mill-ewwel ħa azzjoni (cioe` wara li bagħat għall-konvenut darba, darbtejn, tlieta biex jitkellmu fuq il-kwistjoni u l-konvenut ma marx). Imbagħad xehed li ma jiftakarx jekk l-azzjoni għamilhiex wara li l-konvenut telaq mill-impieg. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma saritx prova sufficjenti tat-talbiet attrici kif irid l-artiklu 562 tal-Kap. 12 u "*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat'*; u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (ara per ezempju **Dr H Lenicker vs J Camilleri**, Prim Awla 31 ta' Mejju 1972 **u Peter Paul Aquilina vs Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995).

37. In vista ta' dan kollu ghalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appell tal-konvenut jimmerita` li jintlaqa'.

**<u>Decide</u>**

38. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-konvenut appellant, tħassar is-sentenza appellata, u tiċħad it-talbiet tas-soċjeta` attriċi.

39. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess soċjeta` attriċi appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr